Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji

**Kaz Nru. 411 /2016**

**PG u TN**

**vs**

**GlobalCapital Financial Management Ltd**

**(C30053)**

**Seduta tas-26 ta' Jannar, 2017**

L-Arbitru:

Ra l-ilment fejn l-ilmentaturi qeghdin jghidu li l-ilmentatrici, PG u zewgha, kienu gew assigurati mill-provditur tas-servizz finanzjarju intimat li investiment fis-*'Secure Income Bond'* ma jistax ifalli u kien garantit, u sabiex il-flus li kellhom fil-*Barclays Sterling Bond Fund* jinvestuhom f'dan is-*'Secure Income Bond'* u, apparti s-somma li kellhom fil-*Barclays Sterling Bond Fund*, izidu maghha u jinvestu s-somma ta' ghaxart elef, tlett mija u disgha u tmenin liri Sterlini kif fil-fatt ghamlu. Jghidu li jridu jiehdu s-somma li investew lura, pero` jitnaqqsu minnhom is-somma ta' GBP 1,480.02, li kienu gew rifonduti lilhom, kif ukoll l-imghax li tilfu mindu investew il-flus f'Dicembru 2008.

Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz fejn issottometta:

1. Illi preliminarjament, l-ilmentaturi ghandhom jipprovaw l-interess guridiku taghhom fl-investiment ilmentat, u dan stante illi mill-istess dokumenti esebiti mill-ilment odjern jirrizulta li l-investituri kienu F u P konjugi G;

2. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi, preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, tenut kont illi mill-ilment odjern qieghed jigi inferit illi l-ilmentaturi nvestew fil-prodott *de quo* abbazi ta' allegata assigurazzjoni li "*Secure Income Bond ma jistax ifalli ghax hu garantit*" li jista' jimplika allura allegazzjoni li l-kunsens tal-ilmentaturi inkseb fuq din il-premessa, u kieku ma kienx hekk ma kienux jidhlu ghal dan l-investiment l-eccepjenti qieghda tinvoka l-preskrizzjoni ta' sentejn abbazi tal-Artikolu 1222(1) *et seq* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi, preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija preskritta wkoll ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi, preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi eccepit il-*casus*, stante li kwalunkwe telf li setghu garrbu l-ilmentaturi huwa direttament u/jew indirettament ir-rizultat tal-krizi finanzjarja li d-dinja dahlet fiha fl-2008;

6. Illi, fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-premess, huwa car illi l-ilment jittratta effettivament kwistjoni ta' telf fl-investiment; illi l-eccepjenti ma tistax tinsab responsabbli ghal telf li sehh f'investiment li ma kienitx tiggestixxi; u dan apparti l-fatt illi fornitur ta' servizzi finanzjarji jagixxi bhala intermedjarju biss bejn l-emmettur tal-prodott u l-investitur ghax-xiri tal-investiment;

7. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess ilmentatur, u dan, inter alia, stante illi t-telf f'investiment ma jgibx wahdu r-responsabbilta` awtomatika u/jew vikarja tal-fornitur tas-servizz izda jrid jigi imputat xi tort attribwibbli lill-fornitur tas-servizz u ma hux minnu assolutament li effettivament inghataw xi servizz jew parir hazin mill-eccepjenti;

8. Illi, kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti mill-ilmentaturi, l-eccepjenti ma tat l-ebda parir jew servizz hazin fit-12 ta' Dicembru, 2008, u ghaldaqstant it-talba kif dedotta ma tistax tintlaqa';

9. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, apparti li ghad trid issir il-prova tad-dannu jew telf verament soffert mill- ilmentaturi, anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss jirrizulta li l- ilmentaturi garrbu xi telf fuq l-investimenti in kwistjoni b'daqshekk ma jsegwix illi l-eccepjenti huma responsabbli ghad-dannu jew telf soffert; illi apparti minn hekk tenut kont tal-andament tas-swieq finanzjarji fiz-zmien in kwistjoni, l-ilmentaturi lanqas ma jistghu jippretendu illi kieku l- ilmentatur investa flusu f'investiment iehor il-kapital investit kien ser jibqa' shih.'

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti esebiti mill-partijiet;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-provditur tas-servizz;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kaz.

**Jikkonsidra**:

Dan huwa kaz fejn l-ilmentaturi jghidu li kienu xtraw il-prodott, li l-isem proprju tieghu huwa il-*Keydata Lifemark S.A. Secure Income Bond,*[1] u l-ilmentatrici, PG u zewgha, kienu inghataw garanzija minn John Caruana, dak iz-zmien impjegat tal-provditur tas-servizz, li l-kapital kien garantit, li ma

[1] Kif jirrizulta mill-atti fosthom il-*brochure*ipprezentat mill-ilmentatri

jistax ifalli u li kien hu li heggighom biex jigbdu flushom mill-*Barclays Sterling Bond Fund* u jaghmluhom fil-prodott odjern.

Kif xehdet PG, [2] kien il-provditur tas-servizz li qalilhom li l-*Barclays Sterling Bond Fund* kien sejjer lura, u kien is-Sur Caruana li qalilhom biex ipoggu flushom f'dan il-prodott. Huma riedu li jigbdu flushom lura mill-*Barclays Sterling Bond Fund*, izda s-Sur John Caruana ipperswadihom li, "dan il-fond kien ibbazat fuq hafna entitajiet u qalilna li jekk tfalli xi wahda, l-ohra taghmel tajjeb ghaliha"[3]. Is-Sur Caruana qalilhom li "mhemmx riskju ghaliex jekk xi haga ma tmurx tajjeb, kien hemm *fall back on others*."[4]

Tispjega wkoll kif saret it-tranzazzjoni:

"Ahna ffirmajna diversi karti. Ahna dak il-hin ma qrajniex il-karti li tana biex niffirmaw ghax qaghdna fuq dak li qalilna hu. Ma jidhirlix li s-Sur Caruana qaghad jaqralna d-dokumenti u jispjega bicca bicca, imma tana *booklet* li qed nurih lill-Arbitru."

Wara xi sentejn mill-investiment ikkuntattjahom il-provditur tas-servizz li qalilhom li l-investiment ma kienx sejjer tajjeb, u meta ikkuntattjaw lis-Sur Caruana qalilhom li m'ghadux jahdem mal-provditur tas-servizz.

Xehdet ukoll li hi u zewgha kienu ffirmaw diversi dokumenti u kkonfermat il-firem taghha fuq il-*File Note* murija lilha in kontro-ezami.

Qalet li dak il-hin tat-tranzazzjoni ma kienux qaghdu jaqrawlhom id-dokumenti. Jista' jkun li din il-*File Note* inqrat lilhom mis-Sur Caruana, pero` l-aktar haga li dahlet f'rasha kien li dak l-investiment ma kienx fih riskju. Hi setghet tifhem li l-investiment kellu certu riskju, ghax anke f'investimenti lokali hemm element ta'riskju, "pero` qatt ma immaginajna li l-investiment kien ser jigi fix-xejn."[5]

Ghalkemm fil-*File Note* kien hemm ittikkjat *Tariff Sheet*, tghid li kitbulhom *No Charges* fuq il-*brochure*. Zewgha kien qara l-*brochure* id-dar wara li kienet saret it-tranzazzjoni. Hi tghid ukoll li ma kienux gew offruti lilhom xi prodotti ohra imma dan il-*Fund* biss. Hi u zewgha ma kellhomx esperjenza fl-investimenti ghajr il-*Barclays Sterling Bond Fund* li kien mal-*Global Capital* stess u xi investimenti zghar il-banek u *current account* antik f'xi istituzzjoni c-*Channel Islands.*

Meta ghamlu l-investiment odjern zewgha kellu 80 sena u hi kellha 67 sena.

---

[2] A fol 127 et seq
[3] A fol 128
[4] Ibid
[5] A fol 129

TN, binthom, tghid li ma kienetx prezenti meta sar l-investiment, pero` tisma' lil ommha tghid li s-Sur Caruana kien insista hafna maghhom li dan kien investiment bla riskju. Hija wirtet biss parti minnu.[6]

Is-Sur John Caruana, li kien effettivament il-persuna li ghamel it-tranzazzjoni tal-ilmentatrici u zewgha, ma ngiebx bhala xhud, pero` xehed ghall-kumpanija intimata is-Sur Michael Schembri li, kif xehed hu stess, ma kienx impjegat tal-kumpanija fiz-zmien li sehhet it-tranzazzjoni.

Is-Sur Michael Schembri xehed li hu ma kienx impjegat tal-kumpanija fid-data tat-tranzazzjoni izda, mid-dokumenti li ra, seta' jikkonferma l-fatti dikjarati fir-risposta tal-provditur tas-servizz.

Fost affarijiet ohra, jghid li l-provditur tas-servizz, bhala kumpanija, kienet biss intermedjarja, li rceviet ordnijiet minghand l-ilmentatrici u zewgha, u ttrasmettithom lil terzi biex jigu esegwiti.

Mill-*File Note*[7] jirrizulta li l-ilmentaturi gew offruti prodotti ohra, li gie spjegat lilhom id-dettalji ta' dan il-prodott u fiehemuhom ir-riskji involuti. Bil-firma taghhom ikkonfermaw li kienu jafu li l-valur tal-prodott jista' jitla' u jinzel u, mill-kontro-ezami tal-ilmentatrici, jirrizulta li kienet taf li kien hemm element ta' riskju.

Meta sar l-investiment dan ma kienx meqjus bhala wiehed ta' riskju.

Il-klijenti ffirmaw id-dokumentazzjoni kollha u ghalhekk accettaw il-kontenut taghhom.

**Jikkonsidra:**

Illi, qabel xejn, l-Arbitru ser jiddeciedi l-eccezzjoni dwar l-interess guridiku tal-ilmentaturi b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni.

Mix-xhieda tal-ilmentaturi jirrizulta li l-investiment ghamluh PG u zewgha, pero` dan miet fl-2011, u hija wirtet lil zewgha. Xehdet ukoll li kien hemm testment bejnha u bejn zewgha u hija kienet il-werrieta ta' hamsa minn tmienja ta' sehem zewgha u nofs mill-komunjoni kien taghha; u bintha wirtet tlieta minn tmienja minn sehem zewgha.

[6] A fol 130
[7] A fol 152, Dok MS3

Din ix-xhieda ma giet bl-ebda mod kontradetta u l-Arbitru m'ghandu l-ebda raguni ghaliex m'ghandux jaccettaha.

Gie ritenut fil-gurisprudenza taghna li min ghandu interess finanzjarju fil-mertu ta' kawza ghandu interess guridiku. Illum il-Qrati taghna anke jaccettaw li min ghandu interess morali f'kawza, ghandu l-interess guridiku li jipproponiha.

F'dan il-kaz, l-ilmentaturi ghandhom interess li jitolbu li jinghatalhom kumpens ghall-flus li tilfu fl-investiment odjern u, allura ovvju, li ghandhom interess guridiku.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qieghda tigi michuda.

L-eccezzjonijiet tnejn, tlieta u erbgha huma dwar preskrizzjoni.

It-tieni eccezzjoni hija dik kontemplata mill-Artikolu 2153 tal-Kap. 16, li jghid li

'*L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn.* '

L-eccezzjoni numru tlieta tirreferi ghall-Artikolu 1222(1) et seq tal-Kap. 16, li jipprovdi dwar preskrizzjoni ta' 'azzjoni ta' rexxissjon minhabba vjolenza, zball, ecc.'

L-eccezzjoni numru erbgha tirreferi ghall-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16, li jipprovdi li l-preskrizzjoni ta' hames snin tapplika ghal: '*azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni iqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku*'.

Fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza '**Carmelo sive Charles Magri vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et', [Deciza fil-5 ta' Ottubru, 1998 – Vol LXXXII.II.751],** dik il-Qorti osservat li l-ligi u l-gurisprudenza jiddistingwu tliet xorta ta' danni, jigifieri dawk derivanti minn delitt veru u proprju [fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' l-azzjoni kriminali], dawk derivanti minn htija akwiljana [fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' sentejn] u dawk derivanti minn inadempjenza kontrattwali [fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin].[8]

L-Arbitru hu tal-fehma li l-preskrizzjoni applikabbli ghal dan il-kaz hija l-preskrizzjoni ta' hames snin skont l-Artiklu 2156 (f) tal-Kap. 16 kif kwotat.

[8] Ara wkoll, Emanuele Cassar vs Marija Ciappara [Deċiza mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Marzu, 1953

Dan il-kaz jinkwadra fi tranzazzjoni kummercjali bejn l-ilmentaturi u l-provditur tas-servizz, u ghalhekk mhuwiex il-kaz li jigu applikati la l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16, li jittratta dwar 'hlas ta' hsarat mhux kagunati b'reat', u lanqas l-Artikolu 1222 (1), fejn jitkellem dwar 'preskrizzjoni ta' azzjoni ta' rexxissjon minhabba vjolenza, zball, ecc.'

Ghalhekk l-Arbitru jrid jikkunsidra jekk dan il-kaz hux preskritt ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili.

Meta tkellmu dwar il-preskrizzjoni il-Qrati taghna, anke a bazi ghal dak li jipprovdi l-istess Kodici Civili, stabbillew parametri legali kif il-preskrizzjoni ghandha tigi interpretata u applikata, fosthom illi:

1. Min jallega l-preskrizzjoni jrid jippruvaha;

Kif inghad fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **'Stencil Pave (Malta) Limited v Dr Maria Deguara noe**,[9]

"Hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmieri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq";

2. Hu stabbilit fil-gurisprudenza illi min iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju.[10]

Sinjifikanti f'dan ir-rigward huwa dak li qalet **il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-4 ta' Dicembru 1987, fil-kawza "Causon vs Sheibani noe" illi:-**

***"Min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti taddata meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f'pozizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le".***

[9] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta Mejju, 2003:
[10] Holland noe vs Chetcuti, QA, – 25 ta' Frar 2000

3. Il-perjodu tal-preskrizzjoni jibda jghodd minn meta min jipproponi kaz ikun jista' jezercita dik l-azzjoni;

***Dan johrog car mill-Artikolu 2137 tal-Kap. 16 li jipprovdi li: 'Bla hsara ta' dispozizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.'***

4. Huwa principju tad-dritt illi l-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti dubbju dwar l-applikabilita` taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min jeccepixxi l-preskrizzjoni. [11]

Fid-dawl ta' dan kollu, l-Arbitru jrid jara jekk fil-kaz odjern il-provditur tas-servizz irnexxilux jipprova li l-ilmentatrici skadielha z-zmien ta' hames snin minn mindu setghet tezercita din l-azzjoni.

Il-provditur ma gab l-ebda prova dwar dan, u jipprova jghid li minn meta nxtara l-prodott fl-4 ta' Novembru 2008, sa meta gie intavolat il-protest gudizzjarju fis-16 ta' Mejju 2014, ghadda l-perjodu preskrittiv.

Dan huwa argument li ma jistax jirnexxi ghaliex mhux tenut li investitur, l-ghada li jixtri prodott, imur jaghmel att gudizzjarju biex jinterrompi preskrizzjoni meta ma jafx kif ser imur il-prodott. Anzi, l-konsumatur jidhol f'investiment bit-tama li jmur tajjeb u ma jkollu bzonn jiehu l-ebda passi.

Kif intqal, l-obbligu tal-prova tal-preskrizzjoni jaqa' fuq min jallegaha: f'dan il-kaz fuq il-provditur, haga li m'ghamilx.

Anzi, jekk kellu wiehed ihares lejn il-fatti tal-kaz, apparti l-fatt li minn mindu l-ilmentatrici, PG u zewgha, gew infurmati mill-provditur tas- servizz li l-prodott kien sejjer hazin, wara hafna weghdi li dan ser jerga' jirkupra, kienu kawti u ghamlu l-protest gudizzjarju fil-hin.

L-ilmentatrici xehdet :[12]

'Nghid illi ndunajna bil-problema fit-2010; nippreciza li mhux ahna indunajna li kien hemm problema imma kienu l-*Global Capital* li qalulna li kien hemm problema; qalulna li l-affarijiet kienu ffrizati u ridna nistennew.'

L-ilmentatrici u zewgha ipprezentaw protest gudizzjarju fis-16 ta' Mejju 2014, [13] u iehor li d-data tieghu ma tidhirx, u ghalhekk interrompew il-preskrizzjoni ta' hames snin.

Barra minn hekk, sas-sena 2016, kienu ghadhom jircievu flus mill-investiment u kien wara l-ahhar *cheque* li l-ilmentatrici, PG, qatghet qalbha ghal kollox mill-investiment ghaliex rat li l-weghdi li l-prodott jista' jitla' issa kienu verament weghdi fiergha min-naha tal-provditur tas-servizz.

Mhux talli li l-provditur ma ppruvax il-preskrizzjoni imma mill-provi jidher car li l-ilmentaturi mhux biss interrompew il-preskrizzjoni permezz tal-protest gudizzjarju imsemmi, imma wkoll peress li l-provditur tas-servizz hallihom jittamaw li l-prodott jista' jirpilja sas-sena 2016, meta intbaghtilhom l-ahhar *cheque*, zgur li ma jistax jitqies li l-ilmentaturi ittraskuraw id-drittijiet taghhom.

Ghal dawn il-mottivi l-eccezzjonijiet kollha dwar il-preskrizzjoni qeghdin jigu michuda.

**Il-Mertu**

Permezz tal-Kap. 555, l-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, ikun **gust, ekwu u ragonevoli** fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[14]

Dan il-kaz jittratta dwar il-bejgh tal-prodott *Keydata International Secure Income Bond* li, kif jidher mill-*brochure* ipprezentat mill-ilmentaturi,[15] ippronunzja ruhu bl-aktar mod enfatiku li jaghti qligh ta' 7.5% kull sena fl-iSterlina u 7% fis-sena fid-Dollaru u l-Ewro ghall-perjodu ta' hames snin.

Is-*Secure Income Bond Fund (SIB)* kien investiment tal-kategorija *asset-backed securities*. Minghajr ma wiehed joqghod jidhol fid-dettal tal-istruttura legali, (u kumplikata tieghu), l-*SIB* kien jinvesti f'*bonds* (*security bonds*) li l-assi *underlying* taghhom kienu poloz tal-assikurazzjoni fuq il-hajja ta' individwi Amerikani.

[13] A fol 68 et seq
[14] Art 19 (3) (b)
[15] A fol 107 et seq

Dan il-prodott, fost affarijiet ohra, falla ghaliex l-analizi tal-aspettattiva tal-hajja/mewt tal-*life-assured* ma kienetx korretta. Aktar ma wiehed idum haj, aktar irid idum ihallas *premium* biex il-polza tibqa' hajja inkella titlef fil-valur. Dan johloq problema ta' likwidita` biex tkompli ssostni finanzjarjament il-mudell kompost minn diversi poloz ta' assikurazzjoni fuq il-hajja

Dan kien riskju li hafna analisti ma tawx kazu. Imma kien fil-fatt aspett importanti hafna. Minhabba l-avvanzi fil-medicina, hafna nies jibqghu jghixu ghal zmien itwal, u b'hekk, il-*premium* irid idum jithallas ghal numru ta' snin aktar.

**Jekk l-analisti u nies professjonali li kellhom esperjenza biex janalizzaw dawn il-prodotti ma waslux ghal dan, allura lanqas wiehed jistenna li *retail investor,* bhalma kienu l-ilmentatrici u zewgha, kellhom ikunu f'qaghda li jaghmlu dan.**

**Apparti l-fatt ukoll li l-isem *SECURE INCOME BOND* jaghti lill-investitur bla esperjenza x'jifhem li l-investiment huwa wiehed sikur u bla riskji jew riskji baxxi u limitati.**

Jekk wiehed ihares lejn il-*brochure* tipiku tal-*SIB* [16] jara li mal-ewwel faccata, bi prominenza kbira, hemm rati tajba ta' dhul (*Annual Income Over 5 Years*), ritratt kbir ta' *lighthouse* (simbolu ta' serhan il-mohh) u b'indikazzjoni ta' x'inhuma l-beneficcji u l-kwalita` tal-prodott:

*'Aims to provide return of capital after 5 years:*

*Bond invests in cash and assets by institutions rated 'A' or better by Standard and Poor's or equivalent;*
*Quarterly income option available'*

Dan li jolqtok mad-daqqa t'ghajn, u dan li nies fl-eta` tal-ilmentatrici u zewgha kienu jaraw: dhul tajjeb u riskju baxx.

Ghalkemm fl-istess *brochure* jissemma li jista' jkun hemm xi riskju ghall-kapital, u jista' jkun hemm xi tnaqqis fl-ahhar jew jekk tigbed l-investiment qabel, pero` l-enfasi qieghda fuq il-beneficcji li kien joffri dan il-prodott.

[16] A fol 107 et seq

Taht it-titolu [17] ***Benefits at a Glance*** hemm dan it-test**:**

> *> An investment with NO Stock Market Exposure*
> *> Investing in cash and assets issued by institutions rated 'A' or better by Standard and Poor's or equivalent*
> *> Available via banks, stockbrokers and direct investment*
> *> Low minimum investment – Only GBP10,000 / USD20,000 / €10,000*
> *> The bond will be listed on the Luxembourg Exchange*
> *> The issue is regulated and authorised by the CSSF the Financial Regulator in Luxembourg*

- Hemm ukoll dan b'tipa kbira: ***A lower risk profile and a higher level of income allows you to receive the income you need without the worry of stock market falls;***

- Fil-qiegh tal-pagna hemm dan il-kliem: ***Capital is not guaranteed. Like all investments there are certain risks involved which are highlighted within the section 'Key Features" on page 13.***

Il-prodott kellu riskji – il-kapital ma kienx garantit u, kif kien se jmur, kien pjuttost ibbazat fuq il-*performance* ta' prodotti ohra simili ta' dak iz-zmien, apparti l-mudelli matematici u l-*assumptions* li jigu ma' dawn il-mudelli.

Fid-difiza tieghu, il-provditur isostni li l-falliment tal-prodott ma kienx minhabba li l-prodott ma hadimx kif ippjanat, imma minhabba cirkostanzi ohra li hu qatt ma kien jistenna li janticipa.

Din id-difiza kienet tkun gustifikata li kieku dan il-prodott inbiegh lill-investituri li setghu jifhmu l-kumplikazzjonijiet tieghu, u minn jeddhom riedu jirriskjaw. Certament li, dak iz-zmien li nbiegh l-*SIB,* ma kienx investiment b'riskju baxx. Anzi, kien investiment **f'kategorija ta' riskju medju ghal riskju gholi.**

Dan mhux qed jinghad wara li falla imma ghaliex in-natura tal-prodott – li jinvesti f'*bonds* li jinvestu f'poloz tal-assikurazzjoni fuq il-hajja – u l-istruttura innifisha tal-investiment kienu jaghmlu l-*SIB* **partikolari** imqabbel ma' prodotti ohra ta' investiment bhal, per ezempju, prodotti ta' investiment li jinvestu f'*bonds* fuq borza.

[17] Pagna 5 tal-*brochure*

Kien mistenni li l-provditur kellu jaghmel analizi oggettiva tal-prodott li kien se jbiegh ghax, wara kollox, dak kien fid-dmir li jaghmel *in the best interest of the client*.

L-investituri ma kienux f'qaghda li jaghmlu din l-analizi huma, u kien mistenni li din l-analizi ssir mill-provditur.

Ir-riskji li hemm f'pagna 14[18] ma setghu qatt jigu apprezzati minn investitur *retail.*

Dawn it-tip ta' investimenti huma *Asset-Backed Securities* u huma prodotti kumplessi u ta' riskju gholi.

Meta kienu qed jinterpretaw id-Direttiva MiFID,[19] li giet applikabbli mill-1 ta' Novembru 2007, kemm l-MFSA kif ukoll awtoritajiet regolatorji Ewropej, iddeskrivew dawn il-prodotti bhala prodotti ta' riskju gholi u li huma prodotti kumplessi u li ma kienux jghoddu ghal kwalunkwe investitur.

L-i*Standard License Conditions (SLC),* mahrugin mill-MFSA, jistabbilixxu x'inhu u x'mhux prodott kumpless. Prodott isir kumpless jekk, fost affarijiet ohra, ma jaghtix liberta` lill-investitur jiddisponi jew jifdi l-prodott skont prezzijiet li huma accessibbli pubblikament,[20] jew jekk il-karatteristici tal-prodott ma jistghux jigu mifhuma b'mod facli mill-investitur *retail*, u b'hekk, ma jkunx f'qaghda li jaghmel decizjoni infurmata meta jigi biex jinvesti.[21]

Ghar-ragunijiet moghtija aktar 'il fuq, il-prodott *Keydata Lifemark SIB* ghandu jitqies bhala prodott kumpless.

Galadarba prodott jitqies li huwa kumpless, allura l-provditur li jkun qed jagixxi f'*advisory capacity,* bhal f'dan il-kaz, irid jaghmel dak li jissejjah *suitability test* fuq l-ilmentatur li, fost affarijiet ohra, jinkludu: l-eta`, l-impjieg jew in-nuqqas tieghu, il-livell ta' edukazzjoni, l-esperjenza fl-investimenti, jekk qattx dahal qabel f'investimenti kumplessi, ecc.

Skont l-*Investment Services Rules for Investment Service Providers* tal-MFSA, *suitability test* irid jiddetermina:

---

[18] A fol 120
[19] *Markets in Financial Investments Directive*
[20] SLC, Part B1, Regola 2.26
[21] Ibid

i. Jekk il-prodott finanzjarju li jkun ser jigi mibjugh *'meets the investment objectives of the client'*

ii. Jekk il-klijent ghandux '*the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved in the transaction'*

iii. Jekk il-klijent huwiex '*financially able to bear any related investment risk consistent with his investment objectives'*[22]

Il-prodott *de quo* ma kienx jilhaq l-oggettivi tal-ilmentatrici u zewgha ghaliex huma ma riedux investiment riskjuz hafna[23]. Kulma riedu kien prodott sikur li jiggarantixxi l-kapital bi dhul regolari biex tizdied mal-pensjoni.

L-ilmentatrici u zewgha ma kellhomx esperjenza fi prodotti kumplessi. L-investimenti taghhom kienu investimenti semplici u ma kellhom l-ebda *asset-backed security* kif inhu l-*Keydata Lifemark SIB.*

Lanqas ma jista' jinghad li l-ilmentaturi setghu jerfghu telf ta' kapital u jiehdu riskji zejda meta titqies l-eta` avvanzata taghhom.

Ghalhekk, iffirmaw kemm setghu iffirmaw dokumenti, (li ma gewx spjegati lilhom), l-ilmentatrici u zewgha qatt ma setghu jghaddu mis-*suitability test* li jimponu r-regolamenti tal-MFSA 'il fuq spjegati. Dan iwassal ghall-konkluzjoni logika li l-provditur tas-servizz qatt ma seta' jbiegh dan il-prodott lill-ilmentatrici u zewgha, u meta sar dan il-bejgh kienu qed igorru r-riskju huma.

L-Arbitru jaqbel mal-argumentazzjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili meta qalet li, ghalkemm klijent jiffirma dokument, dan ma jfissirx li jkun qed jintrabat bih jekk ma jkunx konsapevoli ta' dak li jkun qed jiffirma:

*'Hu minnu illi l-atturi iffirmaw il-Contract Note, pero` l-Qorti ma tqisx illi l-fatt wahdu tal-firma tikkostitwixxi xi akkwiexxenza tal-konsapevolezza tal-investiment u r-riskji inerenti u jekk dan kienx addatat ghalihom…'*[24]

---

[22] Ibid, Regoli 2.16 sa 2.20 u 2.22 sa 2.24

[23] Ara x-xhieda tal-ilmentatrici a fol 128

[24] Evelyn Farrugia et vs *Global Capital Financial Management Ltd*, PA, 11/7/2016

F'dan il-kuntest, il-konsumatur irid jinghata trattament '*fair*' u jigi spjegat lilu ezattament xi jkun qed jiffirma.

*'The requirement to be fair plays a particularly prominent role in the regulation of financial services firms' dealings with their consumers. As well as the obligations placed on all traders, there are further specific duties incumbent upon those in the financial services sector.'*[25]

Apparti li l-kuncett ta' *'fairness'* huwa kontemplat sew fil-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta, u fid-Direttiva tal-Unjoni Ewropea[26] biex jaghtu protezzjoni lill-konsumatur, il-Kap. 555 jistipula li l-Arbitru jrid *'jiddeciedi u jaghti gudizzju fuq ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, ikun gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.'* [27]

A bazi ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, l-Arbitru jhoss li l-provditur tas-servizz ma kienx gust, ekwu u ragonevoli mal-ilmentaturi u m'osservax l-obbligi kuntrattwali, fiducjarji u regolatorji tieghu u biegh prodott li ma kienx addattat ghalihom.

Ghal dawn il-mottivi l-Arbitru qed jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-provditur tas-servizz finanzjarju u jilqa' t-talbiet tal-ilmentaturi, fis-sens, li jordna lill-*Global Capital Financial Management Ltd.* thallas lill-ilmentaturi *in solidum* bejniethom is-somma ta' tmint elef, mitejn u tmien Liri Sterlini (£8,208.37), li tirrapprezenta s-somma investita ta' £10,389, u li minnha ghandha titnaqqas is-somma ta' £2,180.63, flus rikavati mill-ilmentaturi.[28]

Peress li l-ilmentaturi ghandhom jitpoggew, bejn **wiehed u iehor, fl**-istess sitwazzjoni ta' meta investew fil-prodott odjern; filwaqt li l-Arbitru jqis il-profil tal-ilmentaturi u, ghalhekk, jikkunsidra fejn setghu investew il-kapital, u x'seta'

[25] Fairness, Financial Services and The Consumer in an Age of Principles-Based Regulation: Position and Consultation Paper, Peter Cartwright, p 1
[25]EU Directive 2013.11.EU
[26] Kap. 555, Art. 19(3)(b)
[27] Ara kopji ta' cekkijiet a fol 262.273

jrendi, qed jikkoncedi imghax ta' hamsa fil-mija fis-sena fuq is-somma ta' £8,208.37, bir-rata ta' hamsa fil-mija fis-sena mid-data tal-investiment sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dan il-kaz ghandhom u jigu sopportati mill-provditur tas-servizz.

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji